**1 ta' Frar, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Eddie Fenech Adami *et*

*versus*

Joseph Vella *et*

## Persuni f'Karigi Pubbliċi – Malafama – Pubblikazzjoni Forzusa tas-Sentenza

*Il-liġi tagħna mhix injara tal-kunċett ta' interess pubbliku u l-fatt li persuni f'karigi pubbliċi u importanti neċessarjament huma esposti għall-kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verità tal-fatti imputati f'diversi każijiet ta' personalitajiet pubbliċi. Però altru timputa fatt li temmen li hu veru u fil-fatt hu veru u altru bl-ikbar mod irresponsabbli dak li jiġik f'moħħok tiktbu u tippubblikah mingħajr ma jkunx hemm imqar bażi ta' fondatezza f'dak li jiġi asserit. Il-politika ta' "publish and be damned" qatt ma sabet sostenn fil-Qrati tagħna.*

*Il-pubblikazzjoni forzusa tas-sentenza hi kkontemplata biss fl-art. 20 ta' l-Att XL ta' l-1974 li jillimita ordni simili għall-każijiet fejn il-persuna tkun instabet ħatja tar-reat kriminali kkontemplat f'dak l-artikolu (malafama) s'intendi minn Qorti ta' ġurisdizzjoni Kriminali.*

*It-talba għall-pubblikazzjoni tas-sentenza għalhekk in sede ċivili ma*

*setgħatx issir u ma setgħatx tiġi akkolta.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' ċitazzjoni Numru 1452/83CS ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi fil-ħarġa tal-gazzetta *"Weekend Chronicle"* tal-5 ta' Novembru, 1983 (Dok. A) il-konvenuti ppubblikaw ittra bit-titolu *"The NP's Worst Mortal Sins...."*, b'liema ittra huma taw malafama lill-atturi billi attribwewlhom fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tagħhom jew li jwaqqgħuhom għar-redikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku;

L-atturi għalhekk talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex dina l-Qorti m'għandhiex tiddeċidi li:

1) l-ittra bit-titolu *"The NP's worst mortal Sins..."* ippubblikat fil-ħarġa tal-*Weekend Chronicle* tal-5 ta' Novembru, 1983, tikkostitwixxi malafama fil-konfront ta' l-atturi;

2) konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuti fil-kwalità rispettiva tagħhom huma ħatja li taw malafama lill-atturi kollha;

3) konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lil kull wieħed mill-atturi dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti in linea ta' danni;

4) tordna lill-konvenuti jippubblikaw is-sentenza ta' dina l-Qorti skond il-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-atturi u l-lista ta' xhieda tagħhom;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fis-sens illi:

1) huma ma kinux qraw l-ittra qabel ġiet stampata; u

2) illi l-ittra, stampata bi żvista *"unedited"*, anqas tifthiehem sew u anqas fiha sinifikat u m'hix inġurjuża;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, ġuramentata biss minn Anton Cassar;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawa u;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Mejju, 1986, li biha ddeċidiet billi laqgħet it-talbiet attriċi;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti fil-kwalità tagħhom premessa a fol. 18 u a fol. 24 il-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li biha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet kollha ta' l-atturi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Rat a fol. 29 ir-risposta ta' l-atturi appellati li biha ssottomettew li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż doppji kontra l-konvenuti appellanti peress

li skond huma l-appell huwa wieħed fieragħ u vessatorju;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-ittra *"de quo"* tidher mill-ewwel bħala ittra ppubblikata *"unedited"*, u hi bla tifsira ċara. "Hi ħaġa *"clumsy"* li ċertament la żiedet u anqas naqqset mill-fama li kienu jippossjedu l-atturi sa dak in-nhar li ġiet ippubblikata dik l-ittra", isostnu l-appellanti;

Il-mertu ta' dan l-aggravju kien fil-fatt l-argument prinċipali tal-konvenuti fi Prim'istanza u din il-Qorti taqbel ma l-Ewwel waħda li rilevanti hu mhux il-fatt li l-ittra hija *"unedited"* u *"clumsy"* iżda li fiha implikazzjonijiet ċari u li għalhekk jiftehmu sewwa. Dan l-aggravju għalhekk mhux sostnut u għalhekk mhux ser jiġi kkunsidrat aktar;

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li biex ikun hemm l-inġurja jrid ikun hemm addebitu li verament ikollu l-potenzjal li jnaqqas il-ġieh ta' dak li jkun. Jista' jkun hemm il-*"harmless abuse"*. Fuq kollox, isostnu l-appellanti, min jieħu parti fil-ħajja pubblika għalkemm ma għandux jiġi assoġġettat għall-inġurja anqas għandu juri ġilda fina żżejjed u leblieba biex imur il-Qorti fuq kull ħaġa ta' xejn;

Illi m'hemmx dubbju li kif isostni il-Gatley *("On libel and Slander" 7th Ed. para. 923, p. 927) "In cases of comment on a matter of public interest the limits of comment are very wide*

*indeed. This is especially so in the case of public men"*. Infatti kif ingħad f'Seymour *vs* Butterworth (1862) 3 F. & F. *et* p. 377 *per* Cockburn C.J. *"Those who fill public positions must not be too thin skinned* in reference to comments made upon them" u kif ingħad in Martin *vs Manitoba Free Press* (1892) 8, Manitoba R. per Brain J: "One who undertakes to fill a public office offers himself to public attack and criticism; and it is now admitted and recognised that the public interest requires that a man's public conduct shall be open to the most searching criticism". Infatti l-Gatley fl-istess kuntest iċċitat ikompli jgħid li *"unless there is some clear evidence of malice or some mistatement of fact, no action should be commenced, however severe the terms of the criticism may be" (op. cit. para. 923);*

Li però timputa lill-membru parlamentari li l-ġurament solenni li jkun ħa bħala tali ħadu falz mhix akkuża leġġera għaliex barra milli timputa rresponsabbilità krassa lill-rappreżentant tal-poplu timputalu wkoll kommissjoni ta' reat kriminali. Infatti kif jingħad fil-Gatley *op. cit.* para. 62 *"It is defamatory to impute* political irresponsibility to a politician" u inoltre li timputalu wkoll li jkun ħa ġurament falz meta l-Kostituzzjoni timponilu li jieħu l-ġurament ta' lealtà lejn il-poplu, ir-Repubbblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha bħala prerekwiżit biex ikun jista' jiffunzjona bħala membru tal-Kamra, l-inġurja ma tistax ma tissussistix;

Il-liġi mhix injara tal-kunċett ta' interess pubbliku u l-att li persuni f'karigi pubbliċi u importanti neċessarjament huma esposti għall-kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verità tal-fatti imputati f'diversi każijiet ta' personalitajiet pubbliċi. Però altru timputa fatt li temmen li hu veru u fil-fatt hu veru u altru bl-ikbar mod irresponsabbli dak li jiġik f'moħħok tiktbu u

tippublikah mingħajr ma jkun hemm imqar bażi ta' fondatezza f'dak li jiġi asserit. Il-politika ta' "*publish and be damned*" qatt ma sabet sostenn fil-Qorti tagħna;

Kwantu jirrigwarda dan l-aggravju għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma illi:

1) l-atturi appellati avvolja figuri pubbliċi jekk ħassewhom inġurjati b'dak li ġie ppubblikat kellhom kull dritt jaġixxu dawn il-Qrati u inoltri *multo magis* għax huma figuri pubbliċi kellhom kull interess jaġixxu kif aġixxew jekk ħassew li l-addebitu kien serju biżżejjed u malizzjuż tali li bħala membri parlamentari kienu jistgħu jiġu oskurati jew jiġu esposti għad-disprezz tal-pubbliku;

2) l-addebitu f'dan il-każ altru milli *clumsy* u mhux ċar hu inekwivoku u jammonta għal malafama skond il-liġi billi kif spjegat jimputa rresponsabbilità politika u anki kommissjoni ta' reat lill-atturi;

It-tielet aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens li jekk wieħed isib li teknikament tirriżulta nġurja, dan għandu jidher hekk ukoll fil-*quantum* tad-danni. L-appellanti fir-rigward jissottomettu li "dik id-daqsxejn ta' ittra bla sens ma tiswiex ammont ta' danni li jiżboq l-elf lira maltija";

Illi l-fatt li l-ammont totali li l-appellanti ġew ikkundannti jħallsu bis-sentenza appellata huwa ta' iżjed minn elf lira maltija hu biss fatt inċidentali u dovut biss għall-fatt li l-inġurja kienet tolqot ħafna persuni u dawn il-persuni kollha kemm huma talbu u għandhom dritt għad-danni. Fil-fatt singulatim id-danni ġew stmati mill-Ewwel Qorti fl-ammont ta' ħamsin lira maltija u hi

lejn din il-figura li din il-Qorti trid tħares. Ikkunsidrat dan din il-Qorti ma tistax tara kif jista' jingħad li d-danni akkordati mill-Ewwel Qorti huma esaġerati jew sproporzjonati u għalhekk anki dan l-aggravju mhux sostnut;

Fl-aħħarnett l-appellanti ilmenta wkoll mill-ordni tal-pubblikazzjoni ordnat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. F'dan ir-rigward l-appellanti jsostni li "dan l-ordni ta' indoli penalistiku jista' jingħata f'każ ta' kundanna taħt l-artikolu 11 tal-liġi ta' l-Istampa u mhux fil-każ tar-riżarċiment tad-danni. Fir-rabta li hemm bejn l-artikolu 28 (danni) u l-artikolu 3 (il-mezzi li bihom tista' ssir l-inġurja) ma jidħolx l-artikolu 20 li jikkontempla l-ordni ta' pubblikazzjoni msemmija f'każ ta' kundanna taħt l-artikolu 11 biss". L-appellanti rrilevaw ukoll li dwar din it-talba ta' l-atturi l-Ewwel Qorti assentiet *"sic et sempliciter"* bla l-iċken aċċenn ta' motivazzjoni;

Illi wara li ħasbet fit-tul fuq dan l-aggravju din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju huwa fondat legalment għar-raġunijiet indikati mill-istess appellanti;

Infatti jirriżulta li l-atturi appellati fiċ-ċitazzjoni tagħhom fost talbiet oħrajn talbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti jippubblikaw is-sentenza tagħha **skond il-liġi**, u dana għaliex kienu ġew malafamati mill-konvenuti;

Illi skond il-liġi però l-pubblikazzjoni forzusa tas-sentenza hi kkontemplata biss fl-artikolu 20 ta' l-Att XL ta' l-1974 li jillimita ordni simili għall-każijiet fejn il-persuna tkun instabet ħatja taħt l-artikolu 11 ta' dak l-att ċjoè tkun instabet ħatja tar-reat kriminali kkontemplat f'dak l-artikolu (malafama) s'intendi minn Qorti ta' ġurisdizzjoni Kriminali;

Bl-artikolu 27 ta' l-istess Att però l-azzjoni kriminali hija indipendenti mill-azzjoni ċivili u għal dik li hi azzjoni ċivili l-leġislatur bl-artikolu 28 ikkontempla biss f'każ ta' malafama l-ħlas ta' danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali u oltre dawn id-danni l-ħlas lill-persuna offiża ta' somma ta' mhux iżjed minn elfejn lira maltija;

It-talba għall-pubblikazzjoni tas-sentenza għalhekk in sede ċivili ma setgħetx issir u ma setgħetx tiġi akkolta;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tilqgħu biss fir-rigward ta' l-ordni ta' l-Ewwel Qorti għall-pubblikazzjoni tas-sentenza u tiċħdu fil-kumplament tiegħu u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ordnat li sommarju kompressiv ta' dik is-sentenza tkun ippubblikat fil-*Weekend Chronicle* f'waħda mill-Ewwel żewġ ħarġiet ta' dak il-ġurnal wara dik is-sentenza minflok tiċħad it-talba ta' l-atturi għall-pubblikazzjoni tas-sentenza skond il-liġi u tirrevokaha wkoll in kwantu ordnat li l-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-konvenuti billi minflok tordna li l-ispejjeż rigwardanti r-raba' talba ta' l-atturi jkunu a kariku tagħhom mentri l-kumplament ta' l-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti u tikkonfermaha fil-kumplament kollu tagħha. L-ispejjeż ta' dan l-appell jiġu sopportati kwantu għal kwart mill-atturi appellati u kwantu għal tliet kwarti mill-konvenuti appellati.